**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU L- ROBERT ABELA B'RABTA MAL-KUNSILL EWROPEW TAL-20 TA' MARZU 2025**

Sur President, matul il-jum tal-Ħamis 20 ta' Marzu, ipparteċipajt f'laqgħa oħra tal-Kunsill Ewropew li kienet skont l-iskeda maqbula, jiġifieri din id-darba ma kienx Kunsill speċjali, u li allura kienet ippjanata li tindirizza numru ta' temi kif isir minn żmien għal żmien bejnietna s-27 mexxej Ewropew.

*****

Bdejna l-ġurnata b'laqgħa li saret 'il barra mill-Kunsill Ewropew bejn diversi mexxejja tal-Istati Membri, fejn ittrattajna t-tema ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfida tal-immigrazzjoni irregolari. Mhux l-ewwel darba li ltqajna f'dan il-format. Bdejna fi grupp iċken imma mbagħad minn seduta għall-oħra dan il-grupp beda dejjem iżjed jikber, u dan jixhed il-fatt ta' kemm din hija pressjoni illi qed tolqot il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa, li ġiet ikkordinata mill-Prim Ministri tal-Italja, tad-Danimarka u l-Olanda, ipparteċipaw ukoll fiha l-mexxejja tal-Iżvezja, tal-Ungerija, tal-Polonja, tal-Finlandja, tar-Repubblika Ċeka, tal-Latvja, ta' Ċipru, tal-Greċja, tal-Belġju u tal-Awstrija. Attendiet ukoll, kif tagħmel dejjem, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen.

Se niġi għax-xenarju f'pajjiżna fuq dan is-suġġett. Filwaqt li grazzi għall-ħidma serja li wettaqna f'dawn l-aħħar snin, partikolarment taħt it-tmexxija tal-Ministru Byron Camilleri, f'pajjiżna rnexxielna nnaqqsu b'mod drastiku l-wasliet ta' immigranti irregolari, avolja kien hemm min ipprova jixħitna l-ħabs, u xeħtuna effettivament f'inkjesta u għad hemm bħalissa kawża kostituzzjonali pendenti

fejn qed jipprovaw iġibuna b'leżjoni tal-jedd fundamentali għall-ħajja però, minkejja li kellna suċċessi, ġurnata taf tibdel kollox fil-kuntest tal-pressjonijiet kbar illi hemm, partikolarmanet għaliex pajjiżna huwa dak li jissejjaħ frontline country. Jiġifieri aħna għandna pressjoni diretta minn dik li tissejjaħ is-Southern Mediterranean route, proprju għaliex fruntiera fiżika bejn pajjiżna u l-Afrika ta' Fuq ma hemmx.

Għal ħafna snin tħallejna waħedna fuq dan is-suġġett, però kuntent li anke kif jixhed dan il-Grupp, li qed jiltaqa' qabel kull Kunsill Ewropew u n-numru ta' mexxejja li jipparteċipaw qiegħed dejjem jiżdied, bl-isforzi li wettaqna bħala pajjiż, illum ġibna l-maġġoranza tal-mexxejja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jitkellmu bħalna u qed jipparteċipaw b'interess fid-diskussjoni għar-riformi li għandna bżonn.

Però huwa ċar li l-isfida hija kumplessa u tmur lil hinn minn dak li niddeċiedu fi Brussell. Huwa evidenti li l-akbar problema li għandha l-Unjoni Ewropea, minbarra dik tal-wasliet illegali, hija l-falliment kbir fin-nuqqas ta' ritorni effettivi ta' dawk li ma jikkwalifikawx għall-ażil, jiġifieri r-returns policy jew ir-returns effettivi li mhumiex qegħdin jimmaterjalizzaw u li mbagħad qed iwassal messaġġ ħażin ħafna liċ-ċrieki tal-kriminalità organizzata bħallikieku aħna, bħala mexxejja tal-Unjoni Ewropea, m'għandniex saħħa niddeterminaw min jidħol fl-Unjoni Ewropea u min ma jistax jibqa' fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri dawk il-persuni li mhumiex meritevoli li jibqgħu f'territorju tal-Unjoni Ewropea.

Id-diskussjoni, mhux biss f'din il-laqgħa imma anke f'ta' qabilha u ta' qabilha, qed iddur ukoll fuq **obbligi internazzjonali oħra li għandna lkoll bħala Stati Membri, u li bl-aktar mod ċar qed jiġu abbużati** mit-traffikanti u l-kuntrabandisti tal-bniedem, u kif ukoll kultant mill-immigranti nfushom li jafu li ma jkollhomx dritt għall-protezzjoni.

Sur President, hawn mhux qed nitkellmu fuq dawk li jistħoqqilhom l-ażil, jiġifieri dawk li jistħoqqilhom li nipproteġuhom minn realtajiet tat-tbatijiet li għandhom f'pajjiżhom. Hawn qed nitkellmu dwar ħafna ċirkostanzi rappurtati madwar l-Unjoni Ewropea fejn immigranti li ma jkollhomx dritt għall-ażil, u li kultant agħar minn hekk, ikunu involuti f'reati kriminali u jinstabu wkoll ħatja ta' reati kriminali, mhux qed ikunu jistgħu jiġu rritornati lejn pajjiżhom minħabba **loopholes legali** li qed jiġu minn interpretazzjonijiet ristretti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u konvenzjonijiet internazzjonali oħra. Dan kollu qed jiswa x-xogħol tal-Unjoni Ewropea, suf.

Ħalli nkun ċar daqs il-kristall, għaliex bħalma jiġri dejjem, f'dan il-pajjiż ikun hawn min jipprova jimmiżinterpreta u naturalment jimmiżinterpreta kif jaqbillu – pajjiżna dejjem kien, għadu u ser jibqa' minn ta' quddiem biex jiġġieled għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem iżda biss fejn huwa meritat. U li hija meħtieġa riforma tal-imsemmija konvenzjonijiet li għadni kif għamilt referenza għalihom mhijiex il-fehma tiegħi waħdi iżda wkoll tista' tgħid ta' kull min jifforma parti minn dak il-Grupp li semmejt aktar qabel. Il-maġġoranza tkellmet dwar il-ħtieġa li dawn il-konvenzjonijiet jiġu riformati llum qabel għada fejn jidħol is-suġġett tal-immigrazzjoni irregolari.

Flimkien mal-maġġoranza tal-Istati Membri qed inħarsu lejn diskussjonijiet prammatiċi, responsabbli u li jibqgħu bil-mira prinċipali li jagħtu l-aqwa ħarsien li jeddijiet fundamentali tal-bniedem, iżda biss f'dawk il-każijiet li jistħoqqilhom.

Però żgur li huwa ċar li hemm realtajiet moderni, li kulma jmur qed ikomplu jintensifikaw, bħalma hija ż-żieda kbira fil-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa matul l-aħħar deċenji, u partikolarment matul dawn l-aħħar snin, li qatt ma setgħu jiġu kkonsidrati minn missirijietna, 75 sena ilu, kienu qed jabbozzaw il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem wara r-realtajiet u fil-kuntest ta' dak li kien seħħ fit-Tieni Gwerra Dinjija, u li sfortunatament, dawk li għandhom intenzjonijiet ħżiena qed jirkbu fuq dan il-fatt u qed jabbużaw.

Għaldaqstant, kif għidt ma' sezzjoni tal-midja lokali, bis-sapport ta' dan il-grupp li jirrappreżenta l-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE, u wkoll bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Ewropa minn Mejju li ġej tista' toffri opportunità unika biex tiġi ffaċilitata diskussjoni dwar din il-Konvenzjoni tant importanti. Huwa fl-interess kollettiv tal-UE li nassiguraw is-sostenibbiltà u l-implimentazzjoni responsabbli tal-Konvenzjoni, li tkun konsonanti mar-realtajiet tal-lum.

U allura Sur President, ma nistax ma ninnotax għal darb'oħra l-attentat medjokri tal-Oppożizzjoni li lbieraħ ħarġet stqarrija tattakkani għal din il-ħidma li qed inwettaq ma' sħabi l-mexxejja Ewropej. Ġimgħa ilu qalli li qgħadt kwiet, issa

qalli li qed inkun aggressiv iżżejjed. Litteralment Oppożizzjoni li jmissha tistħi proprju tikkapitalizza fuq dan is-suġġett tant sensittiv għal pajjiżna u tipprova ddawru f'ballun politiku. F'kull każ, nagħmilha ċara li jien se nibqa' għaddej biex nipproteġi lil pajjiżna minn piżijiet li m'għandux jerfa'.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni jrid ikun ċar, jekk iridx li nikkontrollaw l-immigrazzjoni irregolari, jew inkella jridx li nibqgħu nħallu l-loopholes legali biex jibqgħu jistanaw il-kriminali u t-traffikanti tal-bniedem li qed iwasslu lil eluf jew mijiet ta' eluf ta' immgranti irregolari fi xtut tal-Ewropa.

Il-poplu magħna jaf fejn qiegħed fuq dan is-suġġett kif ukoll fuq kull suġġett li nitkellmu dwaru. Nemmen li jrid jispiċċa għalkollox iż-żmien li l-organizzazzjonijiet kriminali jiddettaw min jidħol u jibqa' fl-UE u aħna kommessi li nibqgħu naħdmu mal-kumplament tal-UE għal soluzzjonijiet prammatiċi mibnija fuq qafas legali b'saħħtu li jiggarantixxu protezzjoni lil dawk li jkun ħaqqhom, però bl-istess importanza, għandna dritt u obbligu li naraw li dawk li ma ħaqqhomx, jiġu ritornati bla dewmien jew saħansitra ma jidħlux f'pajjiżna. Hekk biss jistgħu jkunu protetti s-sovranità u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea.

*****

Sur President, indur issa għal-laqgħa proprja tal-Kunsill Ewropew. Nibda bl-aktar tema ewlenija ta' dan is-Summit fejn kellna diskussjoni tant meħtieġa u importanti dwar **il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u t-tisħiħ tas-Suq Waħdieni** li huwa s-sisien tal-Proġett Ewropew.

Hawnhekk Sur President komplejna d-diskussjoni dwar ir-riformi meħtieġa biex niggarantixxu li s-Suq Waħdieni jaħdem għal kulħadd u jibqa' joffri prosperità liċ-ċittadini u n-negozji kollha tagħna, huma fejn huma fl-Unjoni Ewropea.

Bħalissa hija prominenti wkoll is-sejħa għal simplifikazzjoni fil-liġijiet Ewropej, ngħid jien sejħa biex insewwu l-iżbalji li saru fil-passat permezz ta' għadd ta' liġijiet li kkomplikaw il-ħajja ta' kull min kien qed jipprova jopera u jinvesti fis-suq Ewropew.

F'din id-diskussjoni, kif kont wegħedt fil-jiem ta' qabel is-Summit, tkellimt fuq dak li qed jolqot lin-negozji tagħna għax qed nisimgħuhom, **qegħdin niltaqgħu magħhom ta' kuljum u nafu liema sfidi qed jiffaċċjaw.**

B'mod partikolari sħaqt fuq il-ħtieġa li naħdmu għal konnettività aħjar, b'mod partikolari fil-Mediterran, għax din tibqa' ċ-ċavetta għal 'level playing field' fis-Suq Waħdieni, speċjalment għal pajjiżi fil-periferija bħal Malta.

Sħaqt fuq il-bżonn li nħarsu l-industriji tal-avjazzjoni u l-marittimu li huma daqstant importanti għalina, għax għalina huma l-unika pont mal-kumplament tad-dinja, u għidt ukoll li rridu nkunu meqjusa fid-deċiżjonijiet li nieħdu biex ma nisparawx f'saqajna permezz ta' liġijiet u inizjattivi mgħaġġla li ma jqisux ir-realtajiet tal-istati membri kollha.

Tkellimt però bi prominenza fuq materja importanti ħafna għal pajjiżna: l-**aċċess ugwali u l-prezzijiet tal-mediċini**, li f'ċertu każijiet f'pajjiżna saħansitra jkunu d-doppju jew it-tripplu tal-prezzijiet fil-kontinent.

Pajjiżna u żewġ stati membri oħra (l-Irlanda u Ċipru) għandna realtà li wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, jiġifieri wara Brexit, din ir-realtà kompliet tikkomplika ruħha u tiggrava. Illum il-ġurnata fl-Unjoni Ewropea għad għandna sitwazzjoni ta' frammentazzjoni fis-suq intern li hi permessa mil-leġiżlazzjoni attwali fis-settur tal-farmaċewtika, li permezz tagħha għandna 27 suq differenti jopera, minflok suq wieħed Ewropew. Dan qed jippermetti lill-kumpaniji kbar tal-farmaċewtika li jiddeterminaw huma min għandu jkollu aċċess għall-mediċini, **<u>sitwazzjoni li għalina hija totalment inaċċettabbli.</u>**

Għaldaqstant sħaqt li ma nistgħux inħallu l-pazjenti Maltin ibatu u jkunu żvantaġġjati sempliċement minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' pajjiżna u kif għamilt f'ittra li bgħatt lill-President Von der Leyen fil-jiem ta' qabel is-Summit, enfasizzajt fuq il-bżonn li nsibu soluzzjoni permanenti biex naraw li l-pazjenti Maltin ikollhom aċċess ugwali u bi prezzijiet ġusti għal dawn il-prodotti essenzjali. Qed inpoġġi l-ittra li bgħatt lill-President Von der Leyen fuq il-Mejda tal-Kamra.

*****

F'din il-laqgħa Sur President tkellimna wkoll fuq temi oħrajn, inkluż **dwar l-Ukrajna**, fejn ħadna kont tal-aħħar żviluppi u kellna wkoll iċ-ċans li nitkellmu mal-President Ukren Zelenskyy permezz ta' video-conference.

Hawn il-pożizzjoni tiegħi baqgħet konsistenti u sħaqt li filwaqt li għandna nibqgħu nappoġġjaw lill-Ukrajna, irridu naħdmu attivament għall-paċi u nassiguraw li kwalunkwe qbil li jintlaħaq irid jirrispetta l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, madankollu jrid jiġi adottat approċċ prammatiku li jinvolvi wkoll diskussjonijiet madwar il-mejda tan-negozjati, b'involviment attiv kemm mill-Ukrajna, ir-Russja, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti.

Ġurnata qabel din il-laqgħa, il-Kummissjoni Ewropea, kif inhuwa pubblikament magħruf, varat ukoll white paper dwar **il-futur tad-difiża u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea**, li tittratta ħafna minn dak li kien diġà mħabbar, inkluż ukoll il-pjan ReArm. Hawnhekk Sur President, il-pożizzjoni tagħna baqgħet ukoll konsistenti u bbażata fuq ir-rispett lejn in-Newtralità Kostituzzjonali ta' pajjiżna.

Sur President, ma nistax ma naċċennax għall-istatements tal-Kap tal-Oppożizzjoni qabel is-Summit. L-ewwel serrħilna rasna li kien fi triqtu lejn Brussell għad-diskussjonijiet, u mbagħad wara laqgħa li kellu tal-Grupp tal-Popolari ħareġ jgħidilna li qed iħares in-newtralità ta' pajjiżna.

Ftit tal-ħin wara li ħarġu mill-istess laqgħa però, l-Ispeaker tal-Parlament Ewropew marret quddiem il-media u qaltilhom li trid Unjoni Ewropea bil-forzi li tbeżża'!

L-istess Speaker Metsola aktar tard matul il-jum, ikkonfermat li kieku tkun hi Prim Ministru ta' pajjiżna, hi tissellef biex iżżid in-nefqa fid-difiża u l-armamenti ta' pajjiżna.

Li hu żgur hu li n-nies tista' biss tħares lejn din in-naħa tal-Kamra għas-serħan il-moħħ għax jafu li aħna ċari f'dak li ngħidu u nagħmlu u m'aħniex se nissellfu - LE m'aħniex se nissellfu - biex nixtru l-armi u l-munizzjon.

**<u>Għalina l-paċi, id-diplomazija u d-djalogu jibqgħu l-qofol tas-soluzzjonijiet dejjiema.</u>**

*****

Sur President, niġi biex nikkonkludi. Matul dan il-Kunsill kellna wkoll l-opportunità li nitkellmu mas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Antonio Guterres, fejn miegħu ddiskutejna t-tisħiħ tal-multilateraliżmu u kif ukoll l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani, fejn sfortunatament, għal darb'oħra erġajna rajna eskalazzjoni tal-ġlied.

Il-konsistenza gwidata mil-liġi internazzjonali hija kruċjali għall-waqfien mill-ġlied b'mod permanenti u bl-istess mod kif qed nagħmlu fuq l-Ukrajna, aħna se nibqgħu b'mod persistenti nadvokaw għall-paċi fil-Lvant Nofsani, fejn is-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina tibqa' l-unika triq 'il quddiem, li trid tkun garantita mis-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini kollha.

Fl-aħħar ta' dan il-Kunsill, kellna wkoll diskussjoni fil-format tas-27 mexxejja, dwar il-**Qafas Finanzjarju Multi-Annwali (MFF) għas-snin 2028-2035. Proprju ftit tal-jiem qabel ukoll kelli VTC mal-Kummissarju Ewropew Raffaele Fitto dwar** il-Baġit tal-Unjoni Ewropea li jmiss, kif ukoll dwar il-mid-term review tiegħu, fejn tħadditna dwar il-prijoritajiet li għandu jkollna u l-finanzjament ta' din in-nefqa. Bid-diversi prijoritajiet li għandna quddiemna huwa ċar li ser ikollna negozjati iebsa, li jirrikjedu eżerċizzju delikat ħafna ta' bilanċ, però għalina, il-mira għandha tkun li l-baġit jiffoka fuq il-konsolidazzjoni tal-proġett Ewropew, li fil-qalba tiegħu tibqa' l-politika ta' koeżjoni li tassigura li l-ebda pajjiż ma jitħalla jaqa' lura.

Kif dejjem sħaqt, għal pajjiżna jibqa' kruċjali li n-nefqa tkun iffokata fuq il-bżonnijiet tal-familji u n-negozji tagħna, biex nassiguraw qalba diġitali u ambjentali ġusta.

Dan għal aktar tkabbir u prosperità fl-Unjoni Ewropea kollha, inkluż tal-poplu Għawdxi u Malti.